# Beati u Qaddisin...Gunju

## BEATA TEREZA TA' SANTU WISTIN U SHABHA SORIJIET KARMELITANI

## 17 TA' LULJU

Kienu 17 il-soru karmelitana tal-monasteru ta' l-Inkarnazzjoni gewwa Compiegne fi Franza li hallew hajjithom fi zmien ir-rivoluzzjoni franciza li ddegenerat f'terrur. Fl-24 ta' Gunju 1794 huma gew



arrestati u marbuta bil-ktajjen u kkundannati ghall-mewt ghax baqghu fidili ghall-Knisjka Kattolika, ghall-hajja konsagrata u d-devozzjoni taghhom lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Gesu' u ta' Marija.

Fis-17 ta' Lulju 1794 ghaddew minn taht il-gilljontina waqt li kantaw innijiet u geddu l-voti tal-hajja konsagrata taghhom flimkien mal-prijura taghhom Swor Tereza ta' Santu Wistin. Kienu beatifikati minn Papa Piju X fit-13 ta'

Mejju 1906. Il-kommunita' tas-Sorijiet tal-Karmelitani Skalzi giet imwaqqfa gewwa Compiegne fi Franza fis-sena 1641 u sitt snin wara tela' il-kunvent bil-knisja dedikata lit-Thabbira ta' l-Anglu lil Marija.

Kienu jghixu fi spirtu ta' qdusija, immexija dejjem mir-regola terezjana u kulhadd kien jammirhom sahansitra l-qorti franciza. Imma meta r-rivoluzzjoni hraxet, is-sorijiet wehlu ma' ras dawk li haduha kontra l-knisja. Is-sorijiet irrifjutaw li jwarrbu t-tunika monastika taghhom, u hawn bdiet it-triq tal-martirju ghalihom.

Meta dawn ir-rifjutaw it-talba tar-rivoluzzjonarji, il-kommunita giet imkeccija mill-monasterju taghha.  Dawn inqasmu f'erba' gruppi u marru jghixu f'diversi artijiet ta' Compiegne.  Baqghu maqghud flimkien permezz ta' l-imhabba bejnithom u l-korrispondenza, dejjem taht il-vigilanza tas-superjura taghhom Tereza ta' Santu Wistin.

Meta qabduhom gew mixlija lill-kumitat rivoluzzjonarju u fl-24 ta' Gunju 1794 gew maqbuda prugunieri u maqfula gewwa Sainte Marie, li kien monasteru, issa mibdul f'habs.  Minn hekk gew trasferiti ghal Parigi u maqfu;la fil-habs terribbli ta' Conciergerie, mimli sacerdoti, religjuzi u nies ohra destinati ghall-mewt. Dawn is-sbatax-il soru kienu l-ezempju ta' fidi hajja ghal kull min kien jarahom. B'gudizzju ta' malajr is-sorijiet kienu kkundannati ghall-mewt ghax kienu fidili lejn ir-religjon ta' Kristu u dak kollu li din kienet iggib maghha.

Waqt il-vjagg taghhom lejn il-patibolu tal-mewt, huma kantaw inni ta' radd il-hajr lil Alla u wara li quddiem is-superjura taghhom geddew il-professjoni religjuza taghhom wahda wahda gew imnehhija fuq il-giljottina. L-ahhar li mietet kienet Swor Tereza ta' S. Wistin.

Il-gisem taghhom gie midfun go qabar jew fossa komuni ma' ta' nies ohra. Prezzjuzi huma l-kitbiet li hallew warajhom dawn is-sorijiet: ittri, poeziji u biljetti ta' virtuijiet.  Id-djocesi ta' Parigi ticcelebra t-tifkira taghhom fis-17 ta' Lulju.